Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għall-Affarijiet Barranin

2023/2086(INI)

20.9.2023

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

għall-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

dwar in-negozjati li għaddejjin rigward ftehim dwar l-istatus tal-attivitajiet operazzjonali mwettqa mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex) fis-Senegal
(2023/2086(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Jan-Christoph Oetjen

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Barranin jistieden lill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jirrikonoxxi n-negozjati li għaddejjin bejn l-UE u s-Senegal dwar l-istabbiliment ta' ftehim dwar l-istatus li jipprevedi l-istazzjonament tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex) fis-Senegal; josserva li l-Gvern tas-Senegal qed isibha bi tqila jiffirma l-ftehim dwar l-istatus; jinnota li ftehim dwar l-istatus jista' jiġi stabbilit biss bil-kundizzjoni li jirrispetta b'mod rigoruż, anki matul l-operazzjonijiet, il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u tad-data personali, il-prinċipju ta' non-refoulement, il-projbizzjoni tad-detenzjoni arbitrarja u l-projbizzjoni tat-tortura u ta' trattament jew pieni inumani jew degradanti, kif minqux fl-Artikolu 73(2) tar-Regolament (UE) 2019/1896[1]; jinsisti fuq l-inklużjoni ta' klawżola ċara dwar id-drittijiet tal-bniedem u ta' garanziji ta' obbligu ta' rendikont fis-Senegal kif ukoll fuq ir-rapportar tal-ksur tad-drittijiet tal-bniedem mill-Frontex fl-attivitajiet kollha tagħha relatati mal-migrazzjoni u mal-ażil fis-Senegal;

2. Jitlob li fil-missjonijiet kollha tal-Frontex jiġi inkluż mekkaniżmu adegwat ta' monitoraġġ tad-drittijiet tal-bniedem għall-attivitajiet tal-Frontex, billi osservaturi tad-drittijiet fundamentali tal-Frontex jintbagħtu fil-pajjiżi terzi u permezz ta' impenji ċari favur it-trasparenza u l-kondiviżjoni tal-informazzjoni rigward l-attivitajiet tal-Frontex;

3. Jistieden lill-Kummissjoni twettaq valutazzjoni bir-reqqa u indipendenti tas-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fis-Senegal fir-rigward tat-trattament tal-migranti u tar-rifuġjati u l-oqsma rilevanti koperti mill-ftehim dwar l-istatus qabel ma tikkonkludi n-negozjati mas-Senegal, sabiex tkun tista' tikkunsidra bis-sħiħ l-impatt tal-kooperazzjoni potenzjali u tinnegozja s-salvagwardji meħtieġa;

4. Jissottolinja li t-tnedija tal-attivitajiet operazzjonali tal-Frontex fl-ambitu ta' ftehim dwar l-istatus għandha tirrispetta bis-sħiħ, tippromwovi u ssaħħaħ id-drittijiet tal-bniedem u l-valuri tal-UE, inkluż fir-rigward tal-protezzjoni tad-data personali, tal-prinċipju ta' non-refoulement, tal-projbizzjoni tad-detenzjoni arbitrarja u tal-projbizzjoni tat-tortura u ta' trattament jew pieni inumani jew degradanti; iqis li kwalunkwe ftehim dwar l-istatus li jipprevedi operazzjonijiet tal-Frontex f'pajjiżi terzi għandu jintegra dan l-aspett;

5. Iqis li huwa meħtieġ li l-persunal tal-Frontex li jingħata l-immunità għall-attivitajiet tiegħu fis-Senegal ikompli jinżamm responsabbli skont id-dritt tal-UE jew tal-Istati Membri; jistieden lid-Direttur Eżekuttiv jadotta linji gwida dwar it-tneħħija obbligatorja tal-immunità għall-persunal stazzjonat, li jispeċifikaw il-mod kif se jiġu ttrattati t-talbiet mill-awtoritajiet ta' pajjiżi terzi u li jattribwixxu rwol b'saħħtu għall-Uffiċjal għad-Drittijiet Fundamentali; iqis li l-persunal tal-Frontex ma għandux biss jevita li jkun kompliċi fil-ksur tad-drittijiet tal-bniedem mill-forzi tas-sigurtà Senegaliżi, iżda għandu

[1] Ir-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2019 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1052/2013 u (UE) 2016/1624, (ĠU L 295, 14.11.2019, p. 1).

jiddenunzja b'mod attiv dawn l-azzjonijiet; jitlob li jinħoloq mekkaniżmu ċar, rapidu u effiċjenti biex jiġi żgurat l-obbligu ta' rendikont min-naħa tal-persunal tal-Frontex fil-pajjiżi tal-oriġini tiegħu;

6. Jitlob li l-persunal tal-Frontex stazzjonat fis-Senegal u lill-gwardji tal-fruntiera Senegaliżi jingħataw linji gwida ċari, imħejjija f'konsultazzjoni ma' esperti u organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, u taħriġ dwar il-qagħda tad-drittijiet tal-bniedem u l-qafas ġuridiku reġjonali u Senegaliżi li fih joperaw, li jinkludi liġijiet u standards internazzjonali fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem u umanitarji;

7. Jistieden lill-UE tgħin lill-awtoritajiet Senegaliżi fit-tisħiħ tal-kapaċità tagħhom li jħarrġu u jedukaw lill-uffiċjali pubbliċi Senegaliżi inkarigati mill-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għall-ażil u mit-trattament tal-ilmenti ta' min qiegħed ifittex ażil;

8. Jitlob li fl-ambitu ta' kwalunkwe ftehim dwar l-istatus potenzjali jkun hemm rapportar konsistenti, regolari u trasparenti dwar l-attivitajiet tal-Frontex fis-Senegal, b'enfasi fuq ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u fuq il-kuntest tad-drittijiet tal-bniedem;

9. Iqis li l-istituzzjonijiet nazzjonali u dawk impenjati fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem jeħtiġilhom ikollhom aċċess għall-informazzjoni kollha meqjusa neċessarja għalihom biex jagħmlu skrutinju l-impatt ta' dan il-ftehim dwar l-istatus fuq il-ġestjoni tal-migrazzjoni fis-Senegal u jagħmlu skrutinju ta' kif iġibu ruħhom il-forzi tas-sigurtà Senegaliżi huma u jieħdu ħsieb il-ġestjoni tal-migrazzjoni, kif ukoll tar-riskji u tal-konsegwenzi għad-drittijiet tal-bniedem;

10. Jieħu nota tal-isforzi tal-awtoritajiet Senegaliżi f'dawk li huma akkoljenza u pproċessar tal-migranti u tar-rifuġjati fir-reġjun; jenfasizza u jikkundanna l-każijiet ripetuti ta' pushbacks tal-migranti u tar-rifuġjati mill-fruntieri tal-Mauritania u tal-Mali lejn is-Senegal; itenni u jissottolinja li l-Frontex ma għandhiex tieħu sehem fl-ebda forma ta' pushback; jistieden lill-UE tkompli ssostni lis-Senegal biex jagħti protezzjoni adegwata lill-migranti u lir-rifuġjati fi tranżitu u tgħin fit-tisħiħ tal-kapaċitajiet u fit-tisħiħ tal-proċedura tal-ażil; jitlob li jiġi stabbilit mekkaniżmu maħsub biex jiżgura li dawk li ġarrbu danni mill-azzjonijiet tal-Frontex ikollhom aċċess għal mezzi ta' rimedju effettiv, fil-każ li jiġi konkluż ftehim dwar l-istatus;

11. Jitlob li jiġi stabbilit mekkaniżmu sod u effiċjenti tal-ilmenti li jkun indipendenti u faċilment aċċessibbli għall-pubbliku, u mekkaniżmu ta' rapportar tal-inċidenti għall-attivitajiet tal-Frontex; iqis li dan il-mekkaniżmu ta' rapportar tal-inċidenti għandu jiggarantixxi l-anonimat u l-kunfidenzjalità tal-individwi li jirrapportaw l-attivitajiet tal-Frontex li jiksru d-dritt umanitarju internazzjonali jew id-drittijiet tal-bniedem;

12. Jistieden lill-UE u lill-awtoritajiet Senegaliżi jippermettu djalogu inklużiv, kostruttiv u trasparenti fit-tħejjija tal-ftehim dwar l-istatus; jisħaq, f'dan il-kunetst, fuq l-importanza li l-UE tidħol fi djalogu regolari mal-organizzazzjonijiet lokali impenjati fid-drittijiet tal-bniedem u ma' organizzazzjonijiet mhux governattivi oħra fir-rigward tal-qagħda tad-drittijiet tal-bniedem fil-pajjiż;

13. Huwa tal-fehma li l-istazzjonament ta' persunal tal-Frontex fis-Senegal u l-iżvolġiment ta' attivitajiet operazzjonali mal-forzi tas-sigurtà lokali u reġjonali jistgħu jsiru biss jekk ikun possibbli li lill-migranti u lil min qiegħed ifittex ażil tiġi garantita protezzjoni

adegwata tad-drittijiet tal-bniedem matul il-proċess ta' applikazzjoni għall-ażil jew ta' ritorn kollu kemm hu;

14. Iqis li l-UE u l-Frontex għandhom jissospendu l-attivitajiet tagħhom fil-qasam tal-migrazzjoni u ażil li jsiru f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet Senegaliżi fl-ambitu tal-ftehim dwar l-istatus fil-każ ta' ksur persistenti u gravi tad-drittijiet tal-bniedem, kif stabbilit mill-istandards tal-Qorti Kriminali Internazzjonali;

15. Jissottolinja li l-għajnuna għall-iżvilupp tal-UE u tal-Istati Membri tagħha trid tingħata bi trasparenza sħiħa u taħt l-iskrutinju parlamentari;

16. Jistieden lill-Kummissjoni tappoġġa lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili lokali li jipproteġu u jippromwovu d-drittijiet tal-migranti, kif ukoll dawk li jimmonitorjaw il-kooperazzjoni mal-awtoritajiet Senegaliżi mal-Frontex;

17. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-konklużjoni ta' dan il-ftehim dwar l-istatus mas-Senegal u l-attivitajiet tal-Frontex fis-Senegal ma jostakolawx id-dritt għall-moviment liberu tal-persuni ggarantit mit-Trattat tal-Komunità Ekonomika tal-Istati tal-Afrika tal-Punent, li jipprevedi l-ħolqien fit-terminu twil ta' żona ta' moviment liberu għall-merkanzija, il-kapital u l-persuni;

18. Jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jiżguraw rotot sikuri u legali għall-migranti u għar-rifuġjati li jgħixu jew li jinsabu fi tranżitu fis-Senegal u li qed ifittxu ħajja aħjar fl-UE.

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Data tal-adozzjoni	20.9.2023
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 29 –: 5 0: 23
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Alviina Alametsä, Alexander Alexandrov Yordanov, Traian Băsescu, Anna Bonfrisco, Reinhard Bütikofer, Włodzimierz Cimoszewicz, Katalin Cseh, Michael Gahler, Giorgos Georgiou, Sunčana Glavak, Raphaël Glucksmann, Klemen Grošelj, Bernard Guetta, Dietmar Köster, Andrius Kubilius, David Lega, Miriam Lexmann, Nathalie Loiseau, Leopoldo López Gil, Antonio López-Istúriz White, Thierry Mariani, Marisa Matias, David McAllister, Vangelis Meimarakis, Sven Mikser, Alessandra Moretti, Javier Nart, Matjaž Nemec, Demetris Papadakis, Kostas Papadakis, Tonino Picula, Manu Pineda, Thijs Reuten, Nacho Sánchez Amor, Isabel Santos, Mounir Satouri, Andreas Schieder, Jordi Solé, Hermann Tertsch, Hilde Vautmans, Anders Vistisen, Thomas Waitz, Isabel Wiseler-Lima, Željana Zovko
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Vladimír Bilčík, Angel Dzhambazki, Andrey Kovatchev, Georgios Kyrtsos, Carina Ohlsson, Juozas Olekas, Nikos Papandreou, Mick Wallace, Javier Zarzalejos
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Gheorghe Falcă, Dace Melbārde, Jan-Christoph Oetjen, Juan Ignacio Zoido Álvarez

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

29	+
PPE	Željana Zovko
Renew	Katalin Cseh, Klemen Grošelj, Bernard Guetta, Georgios Kyrtsos, Nathalie Loiseau, Javier Nart, Jan-Christoph Oetjen, Hilde Vautmans
S&D	Włodzimierz Cimoszewicz, Raphaël Glucksmann, Dietmar Köster, Sven Mikser, Alessandra Moretti, Matjaž Nemec, Carina Ohlsson, Juozas Olekas, Demetris Papadakis, Nikos Papandreou, Tonino Picula, Thijs Reuten, Nacho Sánchez Amor, Isabel Santos, Andreas Schieder
Verts/ALE	Alviina Alametsä, Reinhard Bütikofer, Mounir Satouri, Jordi Solé, Thomas Waitz

5	-
ID	Anna Bonfrisco, Thierry Mariani, Anders Vistisen
NI	Kostas Papadakis
The Left	Giorgos Georgiou

23	0
ECR	Angel Dzhambazki, Hermann Tertsch
PPE	Alexander Alexandrov Yordanov, Traian Băsescu, Vladimír Bilčík, Gheorghe Falcă, Michael Gahler, Sunčana Glavak, Andrey Kovatchev, Andrius Kubilius, David Lega, Miriam Lexmann, Leopoldo López Gil, Antonio López-Istúriz White, David McAllister, Vangelis Meimarakis, Dace Melbārde, Isabel Wiseler-Lima, Javier Zarzalejos, Juan Ignacio Zoido Álvarez
The Left	Marisa Matias, Manu Pineda, Mick Wallace

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni